Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,633, 28 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 229 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 dwar Kondizzjonijiet imposti fuq Persuni li ser Jivvjaġġaw minn u lejn Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar Kondizzjonijiet imposti fuq Persuni li ser Jivvjaġġaw minn u lejn Malta.

Rekwiżiti għall-vjaġġ.

2. Kull persuna li tivvjaġġa lejn Malta, kemm jekk bl-arju kif ukoll jekk bil-baħar, għandha, mal-wasla tagħha f'Malta, tipprovdi *Passenger Locator Form* (*PLF form)* flimkien ma' wieħed fost id-dokumenti li ġejjin:-

(a) *polymerase chain reaction (PCR) COVID-19* test negattiv magħmul mhux aktar minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel il-wasla ta' dik il-persuna f'Malta; jew

(b) ċertifikat validu tat-tilqima li juri li dik il-persuna ħadet id-doża sħiha tat-tilqima kontra l-COVID-19:

Iżda l-imbark ta' kwalunkwe persuna għandu jiġi mwaqqaf u rrifjutat, qabel it-tluq ta' dik il-persuna minn kwalunkwe pajjiż lejn Malta, jekk dik il-persuna ma jkollix fil-pussess tagħha wieħed minn fost d-dokumenti li jissemmew fil-paragrafi (a) u (b):

Iżda wkoll persuni ta' anqas minn ħames (5) snin ma għandhomx ikunu meħtieġa li jipprovdu xi wieħed minn fost id-dokumenti li jissemmew fil-paragrafi (a) u (b) mal-wasla tagħhom f'Malta:

Iżda wkoll ċertifikat tat-tilqima għandu jkun validu u jiġi aċċettat biss jekk maħruġ f'dik il-forma uffiċjali, u fir-rigward ta' tilqima, rikonoxxuta u approvata mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika:

Iżda wkoll ċertifikat validu tat-tilqima jista' jiġi provdut biss u aċċettat minflok *Polymerase Chain Reaction (PCR) COVID-19* test negattiv, minn dik id-data jew dati li fihom is-Suprintendent tas-

Sahha Pubblika, b'avviż fil-Gazzetta, tispeċifika dik il-forma jew forom ta' ċertifikati ta' tilqima validi li għandhom jitqiesu bħala l-forma jew il-forom uffiċjali taċ-ċertifikati tat-tilqima validi li għandhom jiġu rikonoxxuti u approvati.

Rekwiżiti għad-dħul ġewwa Malta.

3. (1) Kull persuna li mal-wasla tagħha f'Malta, tonqos milli tippreżenta *Polymerase Chain Reaction (PCR) COVID-19 test* negattiv jew inkella ċertifikat validu tat-tilqima, kif provdut fl-artikolu 2, għandha tiġi soġġetta għall-*Polymerase Chain Reaction (PCR)COVID-19 test* ġewwa Malta.

(2) Kull persuna li tkun meħtieġa li tiġi soġġetta għall-*Polymerase Chain Reaction (PCR)COVID-19 test* ġewwa Malta kif provdut fis-subartikolu (1), għandha titpoġġa fi kwarantina mandatorja, sakemm jinħareġ ir-riżultat tat-test, ġewwa akkomodazzjoni speċifikatament allokata għal dan il-għan mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. Il-kwarantina mandatorja tiġi estiża għal dak il-perjodu li jkun meħtieġ f'każ illi r-riżultat tat-*test* ta' dik il-persuna jkun wieħed pożittiv jew *detected:*

Iżda kull persuna li tkun meħtieġa li tiġi soġġetta għall-*Polymerase Chain Reaction (PCR)COVID-19 test* ġewwa Malta skont kif provdut fis-subartikolu (1), u tirrifjuta li tissottometti ruħha għal dan it-*test*, għandha titpoġġa fi kwarantina mandatorja għal dak il-perjodu li jkun meħtieġ skont kif speċifikat fis-subartikolu (2):

Iżda wkoll kull persuna residenti Malta, u li tkun meħtieġa li toqgħod fi kwarantina mandatorja skont dan l-artikolu, tista' tagħżel li titpoġġa fi kwarantina mandatorja ġewwa akkomodazzjoni tal-għażla tagħha basta li din l-akkomodazzjoni tiġi approvata bħala akkomodazzjoni addattata mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

(3) Kull persuna li jkollha tiġi soġġetta għall-*Polymerase Chain Reaction (PCR) COVID-19 test* ġewwa Malta skont kif speċifikat fis-subartikolu (1) għandha tkun soġġetta għall-ħlas tal-miżati applikabbli rigward it-teħid ta' dan it-*test*, u jekk il-persuna titpoġġa fi kwarantina mandatorja ġewwa akkommodazzjoni allokata lilha mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont kif provdut fis-subartikolu (2), dik il-persuna għandha tkun soġġetta ukoll għall-ħlas tal-miżati applikabbli għal din l-akkomodazzjoni.

(4) Is-somom tal-miżati applikabbli kif speċifikat fis-subartikolu (3) għandhom jiġu elenkati fi Skeda maħruġa b'avviż fil-Gazzetta.

Eżenzjoni.

4. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', permezz ta' avviż maħruġ fil-Gazzetta, teżenta lil kwalunkwe persuna mill-effetti ta' dan l-ordni, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li s-Suprintendent

VERŻJONI ELETTRONIKA

tas-Sahha Pubblika jista' jidhrilha xieraq li timponi.

Rekwiżiti.

5. Trasportaturi tal-ajru u tal-baħar għandom jinfurmaw lil persuni li ser jivvjaġġaw magħhom bir-rekwiżiti fuq msemmija.